# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju 2025**

**Numru 81**

**Rikors numru 233/2019/2 LM**

**Yorgen Fenech**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Ġenerali, Ministeru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali u Spettur Keith Arnaud għal kull interess li jista' jkollu**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur minn sentenza mogħtija fl-10 ta' April 2024, li permezz tagħha, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), ċaħdet it-talbiet kollha tiegħu bl-ispejjeż kollha a karigu tal-istess rikorrenti wara li ma sabitx ksur tad-drittijiet fundamentali hekk kif sanċiti fl-artikolu 2 u 6 tal-Konvenzjoni, u fl-artikoli 33 u 39 tal-Kostituzzjoni.

**Preliminari:**

**A. Fatti**

2. L-attur huwa persuna investigata u mixlija b'kompliċità fl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia.

3. Fl-istadji bikrija tal-investigazzjoni, l-investigazzjoni kienet imexxija mid-Deputat Kummissarju Silvio Valletta.

4. F'dan l-istadju kienu jinżammu laqgħat regolari ġewwa Kastilja mal-Prim Ministru u c-*Chief of Staff,* Keith Schembri. Għal dawn il-laqgħat kienu jattendu l-imsemmi Deputat Kummissarju, u l-Ispettur Arnaud.

5. Sussegwentment fix-xahar ta' Mejju jew Ġunju tas-sena 2018, id-Deputat Kummissarju Silvio Valletta tneħħa minn fuq l-investigazzjoni wara proċeduri kostitituzzjonali istitwiti mill-familjari tal-ġurnalista.

6. Sussegwentement, fis-sena 2019, Keith Arnaud kien arresta lir-rikorrent li kien suspettat b'kompliċità,

**B. Proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):**

7. Illi permezz ta' rikors intavolat nhar id-29 ta' Novembru 2019, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), l-attur, illum appellant, talab dikjarazzjoni illi d-drittijiet fundamentali tiegħu hekk kif sanċiti fl-artikoli 33 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 2 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ġew leżi b'konsegwenza tal-invovliment tal-intimat Spettur Keith Arnaud fl-investigazzjoni relatata mal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, b'dan illi l-involviment tal-istess spettur tilledi dik l-indipendenza u imparzjalità li kull investigazzjoni għandha tgawdi. Talab ukoll illi l-intimat Spettur m'għandu bl-ebda mod jipparteċipa fl-investigazzjoni in diżamina, u tordna illi kull att u deċiżjoni ġia meħuda fl-istess investigazzjoni tiġi riveduta minn min jissostitwixxi lill-istess Spettur Arnaud, filwaqt illi tagħti dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa.

8. Permezz ta' risposta datata 2 ta' Diċembru 2020, l-intimati Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Ġenerali, il-Ministeru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali u l-Ispettur Keith Arnaud, sostnew illi l-pretensjonijiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt. *In linea* preliminari eċċepew in-nuqqas ta' *locus standi* tal-Avukat Ġenerali, il-Ministeru u tal-Ispettur Keith Arnaud fil-vesti tiegħu personali. *In linea* preliminari ukoll eċċepew illi r-rikorrent qiegħed jabbuża mill-proċess kostituzzjonali meta huwa kellu a dispożizzjoni tiegħu rimedju ordinarju sabiex iħares id-drittijiet pretiżi minnu. Żiedu illi sa fejn l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda l-applikazzjoni tal-artiklu 2 tal-Konvenzjoni, dan ma japplikax għall-każ

odjern, filwaqt illi l-allegat ksur tal-artikolu 6 ma jreġġix. Affermaw ukoll illi l-allegazzjoni ta' nuqqas ta' dritt għal smigħ xieraq tirrikjedi li jsir eżami tal-proċedura fit-totalità tagħha u mhux li jsir iffukar fuq parti partikolari tal-proċeduri ad esklużjoni ta' oħrajn. Jaffermaw ukoll illi r-rikorrenti m'għandu l-ebda dritt li jittenta jwaqqaf l-investigazzjoni fil-konfront tiegħu jew jiddetta minn min din għandha ssir.

9. B'sentenza datata 6 ta' Marzu 2024, l-Ewwel Qorti ddeċidiet billi:

*"1. Tiċħad it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija;*

*2. Tilqa' s-sitt, is-sebgħa, it-tmin, id-disgħa, l-għaxar, il-ħdax, it-tnax, ittlettax, l-erbatax, il-ħmistax u s-sittax-il eċċezzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija;*

*3. Tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent.*

*L-ispejjeż tal-kawża huma a karigu tar-rikorrent."*

Għal fini ta' kjarezza l-Qorti qed tirriproduci t-talbiet u l-eċċezzjonijiet tal-intimati.

**Talbiet**:

1. *TIDDIKJARA li l-involviment tal-intimat Spettur Keith Arnaud fl-investigazzjoni in kwistjoni, tilledi dik l-indipendenza u imparzjalità li kull investigazzjoni għandha tgawdi, u konsegwentement tammonta għal vjolazzjoni;*

2. *TIDDIKJARA għalhekk illi n-nuqqasijiet fuq esposti jammontaw għal ksur tad-dritt għal smigħ xieraq kif sanċit fl-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni kif inkorporat fil-Kap 319*

3. *TORDNA li l-intimat Spettur Keith Arnaud m'għandu bl-ebda mod jipparteċipa fl-investigazzjoni in diżamina;*

4. *TORDNA li kull att u deċiżjoni ġia meħuda fl-istess investigazzjoni tiġi riveduta minn min jissostitwixxi lill-istess Spettur Keith Arnaud;*

5. *TAGĦTI dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa;*

6. *Bl-ispejjeż.*

**Eċċezzjonijiet**:

*"Illi l-lanjanza tar-rikorrent hija fis-sens illi* "l-involviment tal-intimat Spettur Keith Arnaud fl-investigazzjoni in kwistjoni, tledi dik l-indipendenza u imparzjalità li kull investigazzjoni għandha tgawdi, u konsegwentement tammonta għal vjolazzjoni". *Illi fit-talbiet ir-rikorrent jallega ksur tad-dritt għal smigħ xieraq kif sanċit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea anke jekk fil-premessi ssir riferenza għall-vjolazzjoni tal-Artikoli 2 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u għall-Artikoli 33 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Illi bħala rimedju ir-rikorrent qiegħed jitlob dikjarazzjoni ta' leżjoni, kif ukoll li l-Ispettur Arnaud ma jipparteċipax fl-investigazzjoni u kull deċiżjoni li diġà ttieħdet f'dina l-investigazzjoni mill-Ispettur Arnaud tiġi riveduta minn min jissostitwixxi lill-Ispettur Arnaud.*

*L-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:*

*1. Illi in linea preliminari, l-esponenti jeċepixxu n-nuqqas ta'* locus standi *tal-Avukat Ġenerali, tal-Ministeru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali u tal-Ispettur Keith Arnaud fil-vesti tiegħu personali peress li l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda investigazzjoni tal-Pulizija bil-konsegwenza li dawn l-imħarrkin għandhom jiġu dikjarati bħala tali u liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*2. Illi in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu l-azzjoni odjerna hija mibnija fuq allegat ksur tad-drittijiet fundamentali garantiti bil-Konvenzjoni, ir-rikorrent qiegħed jabbuża mill-proċess kostituzzjonali stante illi qiegħed jadopera proċedura straordinarja bħal ma hija l-proċedura odjerna meta kellu a dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji sabiex iħares id-drittijiet pretiżi minnu. Illi r-rikorrent kellu kull possibilità li jekk fil-fehma tiegħu għandu informazzjoni li tippunta lejn twettiq ta' reat minn xi persuna partikolari huwa għandu l-possibilità li jagħmel rapport speċifiku lill-Pulizija dwar dan u anke li jadopera l-proċedura taċ-*'challenge' *kif provdut bl-artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali dwar dan fil-każ illi l-Pulizija ma taqbilx li jistgħu jittieħdu passi. L-esponenti għalhekk jeċepixxu n-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrent u l-esponenti jistiednu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli teżerċita l-ġurisdizzjoni konvenzjonali tagħha* ai termini *tal-proviso għall-Artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u, okkorrendo, tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni;*

*3. Illi stante li r-rikorrent illum tressaq quddiem il-qorti u l-istadju tal-investigazzjoni intemm, il-meritu ta' din il-kawża huwa illum ezawrit u jekk għandu xi lanjanza dwar allegat difett fl-investigazzjoni r-rikorrent jista' jressaqha quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni penali li qegħda tisma' l-każ tiegħu;*

*4. Illi fil-mertu, in kwantu r-rikorrent jista' jidher li qiegħed jakkampa pretensjoni taħt l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea (li jissemma fil-premessi tar-rikors biss iżda mhux fit-talba) l-esponent jirrileva illi dan l-artikolu ma jagħmilx għall-każ odjern stante li l-kwistjoni li qed iqanqal r-rikorrent permezz ta' din il-kawża m' hijiex waħda fejn tista' tinkwadra xi pretensjoni ta' leżjoni ta' dritt għall-ħajja iżda se mai l-azzjoni hija waħda dwar pretensjoni li tirrigwarda l-indipendenza u t-tmexxija tal-investigazzjoni.*

*5. Illi fil-mertu in kwantu għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jibdew biex jissottomettu li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi li sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Illi dana l-artikolu jipprovdi wkoll li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi.*

*6. Illi fir-rikors promotur r-rikorrent qiegħed jallega li l-investigazzjoni mhijiex waħda oġġettiva u imparzjali stante li skont ir-rikorrent l-investigatur ewlieni f'dan il-każ għandu ħbiberija ma' persuna li ġiet ukoll mitkellma mill-investigatur li dwarha allegatament ir-rikorrent ta informazzjoni lill-Ispettur. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent ma treġix u dan stante li l-investigazzjoni qiegħda ssir sabiex jinġabru dawk il-provi kollha li abbażi tagħhom il-persuni nvoluti fid-delitt jittellgħu quddiem il-qrati kriminali sabiex iwieġbu għal tali delitt iżda dak li jsir f'dan l-ambitu ma jistax jiġi mlibbes bħala allegat ksur ta' dritt għal smigħ xieraq.*

*7. Illi inoltre, skont dak li jipprovdi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u kif provdut fl-insenjament kemm tal-Qrati nostrana kif ukoll tal-Qorti Ewropea allegazzjoni ta' nuqqas ta' dritt għal smigħ xieraq tirrikjedi li jsir eżami tal-proċedura lamentata fit-totalità tagħha u mhux li jsir iffukar fuq parti partikolari tal-proċeduri ad esklużjoni tal-partijiet l-oħra. Illi l-liġi proċedurali nostrana taħseb għas-salvagwardji tal-garanziji kollha li jipprovdi għalihom l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u li għalhekk il-lament tar-rikorrent huwa għal kollox inġustifikat.*

*8. Illi r-rikorrent qiegħed joġġezzjona illi fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija li qegħdin isiru fil-konfront tiegħu dwar l-omiċidju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia jipparteċipa l-Ispettur Arnaud u l-istess rikorrent jagħmel diversi allegazzjonijiet infondati dwar dina l-kwistjoni. L-esponenti jibdew billi jissottomettu illi r-rikorrent hija persuna suspettata li wettqet reat madanakollu ċertament li ma hemm l-ebda dritt li persuna suspettata tagħżel hija minn għandu jinterrogaha jew li tostakola l-perkors tal-investigazzjoni sabiex tittenta taħrab milli twieġeb għall-egħmil tagħha quddiem il-Qrati penali. Dan wisq iżjed meta llum l-interrogatorji tal-Pulizija huma rrekordjati u l-interrogat għandu d-dritt illi l-Avukat tiegħu ikun preżenti f'kull waqt tal-interrogatorju.*

*9. Huwa ċar li l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija tramite l-uffiċjali investigaturi tiegħu qegħdin jaħdmu bl-aktar mod metikoluż u professjonali sabiex min huwa responsabbli għad-delitt jitressaq quddiem il-Qrati penali. Madanakollu persuna suspettata ma tistax tittanta timmanipula l-investigazzjoni u tneħħi mill-investigazzjoni xi*

*investigatur milli jkompli jwettaq xogħolu u dan wisq inqas jekk għal raġunijiet irrilevanti għall-investigazzjoni tal-każ partikolari bħal ma qed jittenta jagħmel ir-rikorrent fil-każ* de quo*.*

*10. Illi r-rikorrent jallega wkoll li l-Ispettur Arnaud qallu ċertu kliem fid-daħla tal-*lock up *- kliem li qiegħed jiġi miċħud bl-aktar mod kategoriku mill-esponenti. Dak li ntqal mill-Ispettur kien biss biex ir-rikorrent jgħid il-verità kollha kif l-istess spettur kellu kull dritt jitlob.*

*11. Illi r-rikorrent jallega wkoll li l-Ispettur Arnaud naqas milli jibgħat għal Keith Schembri minkejja li allegatament kellu f'idejh* recordings *li jagħmlu referenza għal Keith Schembri u li allegatament Keith Schembri ġie interrogat biss meta l-Ispettur Arnaud ma setax jagħmel mod ieħor. L-esponenti jissottomettu li l-kompitu tal-Pulizija huwa li tinterroga u tistħarreġ sabiex tasal għall-verità. Illi kull persuna li deherilha li kienet ta' interess jew li kienet suspettata fit-twettiq tal-għemil doluż ġiet interrogata. Dan madanakollu ma jfissirx li l-Pulizija ma tibqax tinvestiga. Fuq kollox hija l-Pulizija li għandha l-kompitu li tinvestiga u li għal dan il-għan torganizza u tippjana l-investigazzjonijiet tagħha. Ċertament li din ma hijiex materja li taqa' fil-ġurisdizzjoni ta' qorti munita b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali u li r-rikorrent ma għandu ebda jedd li jabbuża mill-proċedura kostituzzjonali u jipprova jimmanuvra sabiex itawwal u jimmanipula l-investigazzjoni tal-Pulizija sabiex jittenta jiżgiċċa milli jiġi investigat.*

*12. Illi fil-fehma tal-esponenti, ir-rikorrent ma għandu l-ebda dritt li jittenta jwaqqaf l-investigazzjoni fil-konfront tiegħu u dana stante li dak allegat mir-rikorrent huma biss perċezzjonijiet, konġetturi u allegazzjonijiet infondati da parti tar-rikorrent li ma jinstabux sorretti.*

*13. Illi l-fatt li l-Ispettur Arnaud huwa wieħed mill-ispetturi li qiegħed jinvestiga lir-rikorrent bl-ebda mod ma qiegħed jirreka xi preġudizzju fil-konfront tar-rikorrent u ta' dan l-istess rikorrent huwa konsapevoli stante li fost id-drittijiet li ngħatawlu, ngħatalu d-dritt tad-*disclosure *fejn ir-rikorrent ngħata aċċess għall-informazzjoni materjali li għandha dwaru l-Pulizija. Illi aktar minn hekk, ir-rikorrent fl-ebda parti tar-rikors in risposta ma juri kif huwa personalment qiegħed jiġi preġudikat b'mod negattiv mill-fatt li l-Ispettur Arnaud qiegħed jipparteċipa fl-investigazzjoni iżda dak li qiegħed jallega r-rikorrent huwa dwar terza persuna (Keith Schembri) li skont ir-rikorrent kellha tiġi investigata qabel u li skont ir-rikorrent l-investigazzjoni kellha ssir b'mod differenti. Illi ċertament li dawn l-allegazzjonijiet ma jissarfux f'leżjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq iżda huma biss allegazzjonijiet li qiegħed jagħmel ir-rikorrent sabiex jittenta jostakola l-investigazzjoni in konfront tiegħu meta din kienet waslet tista' tgħid fl-aħħar.*

*14. Illi l-esponenti jissottomettu wkoll li minn imkien fir-rikors promotur ma nsibu li r-rikorrent qiegħed jallega xi nuqqas ta' imparzjalità u indipendenza suġġettiva da parti tal-Ispettur Arnaud iżda l-allegazzjonijiet fir-rikors promotur jikkonċernaw allegat nuqqas ta' imparzjalità u indipendenza oġġettiva. L-esponenti jissottometti li l-kunċett ta' imparzjalità oġġettiva ma tiddependix fuq l-opinjoni ta' persuna suspettata: ċertament tali opinjoni mhijiex deċiżiva iżda dak li jrid jintwera huwa li d-dubju fuq l-imparzjalità jkun ġustifikat b'mod oġġettiv. Dan ifisser li huwa neċessarju li jkun hemm dubju leġittimu*

*dwar l-imparzjalità oġġettiva f'dan il-każ ta' investigatur naxxenti minn fatti pruvati u mhux minn perċezzjoni suġġettiva tal-persuna suspettata li kull ilma taħsbu misħun.*

*15. Illi aktar minn hekk, jekk wieħed jifli ftit meta tqajmet dina l-kwistjoni da parti tar-rikorrent jirriżulta li minkejja li l-Ispettur Arnaud fil-vesti tiegħu ta' investigatur kien kellem lir-rikorrent erba' darbiet sal-mument li ġie ntavolat ir-rikors in risposta, ir-rikorrent ma kellu l-ebda problema b'dana l-investigatur fl-ewwel tlett istanzi iżda l-allegazzjoni tar-rikorrent qamet biss meta r-rikorrent kien infurmat li t-talba tiegħu għall-maħfra presidenzjali ma kienitx ġiet milqugħa. Dan juri l-animu veru tar-rikorrent wara l-intavolar ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali li ma huwa xejn ħlief abbuż tal-proċedura kostituzzjonali.*

*16. Illi jsegwi għalhekk li l-ebda dritt fondamentali, inklużi drittijiet garantiti mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma huwa mittiefes mill-mod kif qiegħdha tiġi kondotta l-investigazzjoni tad-delitt li għalih jirreferi r-rikors promotur bil-konsegwenza li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.*

*17. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*18. Bl-ispejjeż."*

## Ċ. L-Appell:

10. Ir-rikorrenti ħassu aggravat b'din is-sentenza u permezz ta' rikors t'appell intavolat nhar it-30 ta' April 2024, talab lil din il-Qorti tannulla u/jew tħassar is-sentenza appellata u tirrimanda l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex il-kawża tiġi deċiża skond il-Liġi; u/jew mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba tħassar u tirrevoka d-digriet tal-Ewwel Qorti tal-11 ta' Ottubru 2022 u konsegwentment tħassar is-sentenza appellata tal-10 ta' April 2024 u tirrimanda l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex il-kawża tiġi deċiża skond il-liġi u/jew mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba tħassar u tirrevoka d-digriet tal-Ewwel Qorti tat-30 ta' Jannar 2024 u konsegwentement tħassar is-sentenza appellata tal-10 ta' April 2024 u tirrimanda l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex il-kawża tiġi deċiża

skond il-Liġi; u/jew mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba, għall-bqija tar-raġunijiet fl-appell tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili(Sede Kostituzzjonali) fl-10 ta' April 2024 u minflok tipproċedi sabiex tilqa' t-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontra l-intimati.

11. L-Avukat tal-Istat, il-Kummissarju tal-Pulizija, il-Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali u l-Ispettur Keith Arnaud permezz ta' risposta datata 14 ta' Mejju 2024 preliminarjament eċċepew illi d-dokumenti annessi mar-rikors tal-appell għandhom jiġu sfilzati mill-atti billi dawn ġew ippreżentati mingħajr l-awtorizazzjoni tal-Qorti. Sostnew ukoll illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija waħda korretta u timmerita illi tiġi konfermata. Sostnew illi l-proċeduri huma mibnija fuq insinwazzjonijiet u konġetturi tal-appellant.

12. Il-Qorti rat ir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat tal-Istat, il-Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali u l-Ispettur Keith Arnaud datat 14 ta' Mejju 2024, permezz ta' liema talbu illi d-dokumenti kollha eżebiti mar-rikors tal-appell tat-30 ta' April 2024 jiġu sfiżati.

13. Il-Qorti rat ukoll ir-risposta tal-appellant datata 6 ta' Ġunju 2024 fejn irrimetta ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti.

14. Permezz ta' digriet datat 14 ta' Ġunju 2024, din il-Qorti laqgħet it-talba tal-appellati u ordnat l-isfilz taż-żewġ dokumenti annessi mar-rikors tal-appell tar-rikorrenti.

15. Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni mill-Avukati difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2024, u rat illi l-appell tħalla għas-sentenza.

*L-Eċċezzjoni dwar in-Nullità tas-Sentenza Appellata:*

16. L-appellant eċċepixxa n-nullità tas-sentenza appellata. Sostna illi fid-*decide* il-Qorti qatgħet u ddeċidiet eċċezzjonijiet li qatt ma ġew eċċepiti u trattati. Iżid illi huwa misteru minn fejn jirriżultaw, l-eċċezzjonijiet numerati u ndikati fid-*decide*. Ikkontenda illi minn aspett proċedurali l-parti deċiżiva tas-sentenza għandha tkun ċara u univoka dwar dak li qed taqta' u tiddeċiedi. Mhuwiex biss importanti illi l-partijiet jifhmu eżatt dak li ġie deċiż iżda ukoll sabiex il-parti telliefa tifhem x'wassal għad-deċiżjoni u tfassal appell.

17. L-appellati jaffermaw illi dan l-aggrvaju huwa wieħed fieragħ u vessatorju; huwa evidenti li l-Ewwel Qorti meta ġiet biex tikteb is-sentenza ddeċidiet li tenumera hi stess *di sua sponte* l-eċċezzjonijiet kollha misjuba fir-risposta tal-intimati u b'hekk kollox ġie enumerat tmintax-il paragrafu. Jisħqu illi m'hemm xejn irregolari f'dan kollu li

saħansitra iwassal għan-nullità tas-sentenza u mhux l-ewwel darba li l-Qorti meta tiġi biex tikteb sentenza tenumera hi stess l-eċċezzjonijiet li jkunu tqajmu. Isostnu wkoll illi l-fatt illi l-eċċezzjonijiet mhumiex enumerati kollha hija rrilevanti għall-aħħar *stante* illi r-risposta għal rikors sempliċi ma jirrikjedix li jiġu numerati l-eċċezzjonijiet bħal risposta ġuramentata a termini tal-artikolu 158(3)(c) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

18. Il-Qorti ssib illi din l-eċċezzjoni hija tassew waħda fieragħa u ma tqisx illi għandha tiddilunga inutilment f'dan ir-rigward.

19. Minn eżami anke superfiċjali tal-atti, partikolarment ir-risposta intavolata mill-appellati għar-rikors promotur intavolat mill-appellanti, huwa evidenti illi dak li għamlet il-Qorti, kien sempliċiment illi nnumerat l-eċċezzjonijiet eċċepiti mill-appellati fir-risposta għar-rikors promotur intavolat mill-appellant, mansjoni illi ċertament tirrientra fis-setgħat tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali.)

20. Huwa *ormai* ben assodat illi fi proċeduri kostituzzjonali, il-formalità hija ridotta għall-minimu neċessarju u jiddependi kollox mid-diskrezzjoni tal-ġudikant li jkun qed jippresjedi, li wkoll għandu jara li jiġu

salvagwardati l-prinċipji kollha tal-ġustizzja proċedurali.[1] F'dan il-każ ma hemm xejn li jżomm lill-Qorti milli tagħti numri għal kull eċċezzjoni għal aktar kjarezza.

21. Huwa pależi għalhekk għal din il-Qorti illi mhuwiex minnu dak rilevat mill-appellant u ċjoè illi l-Ewwel Qorti qatgħet u ddeċidiet eċċezzjonijiet illi qatt ma ġew eċċepiti u trattati, fatt illi jirriżulta b'mod indiskuss mir-riproduzzjoni *ad verbatim* tar-risposta oriġinarjament intavolata mill-appellati għar-rikors promotur fil-korp tas-sentenza appellata. Hija għalhekk il-fehma ta' din il-Qorti illi m'hemm xejn irregolari f'dak li għamlet l-Ewwel Qorti.

22. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

***L-Aggravji***

23. Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tindirizza dik il-parti tal-appell, fejn l-appellant appella mid-Digrieti mogħtija mill-Ewwel Qorti nhar il-11 ta' Ottubru 2022 u dak mogħti nhar it-30 ta' Jannar 2024.

*Digrieti mogħtija nhar il-11 ta' Ottubru 2022*

[1] Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Bartolo vs Agent Registratur tal-Qorti tal 15/2/1991 {Vol LXXV p 84},

24. Mill atti jirriżulta illi fil-11 ta' Ottubru 2022, l-Ewwel Qorti ppronunzjat ruħha f'żewġ digrieti separati (*ara fol 1283 et seq*) għal żewġ rikorsi differenti li kien intavola l-appellant; rikors wieħed kien dak datat 12 ta' Settembru 2022 u l-ieħor datat 20 ta' Settembru 2022.

*Retroxena:*

25. Fit-3 ta' Awwissu, 2021, l-attur kien preżenta rikors quddiem l-Ewwel Qorti permezz ta' liema talab li tiġi sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza u tiġi ordnata l-produzzjoni tal-estrazzjoni sħiħa tal-*mobile phone* ta' Keith Schembri li skont l-attur kienet ġiet f'idejn il-Pulizija ta' Malta riċentement. L-attur argumenta li minkejja li huwa kien xtaq iġib din il-prova qabel jingħalaq l-istadju tal-provi tiegħu dan ma kienx possibbli peress li kien maħsub li din il-prova ntilfet għal dejjem, u rriżulta biss li din il-prova setgħat issir proprju wara li ngħalqu l-provi tal-partijiet kollha. L-attur sostna li din il-prova hija meħtieġa għad-difiża tiegħu u essenzjali biex jiġu pruvati l-allegazzjonijiet magħmula minnu fir-rikors promotur.

26. Permezz ta' digriet interlokutorju mogħti mill Ewwel Qorti fid-19 ta' Novembru, 2021, ġie deċiż is-segwenti: "*Għar-raġunijiet suesposti tilqa' t-talba tar-rikorrent sabiex jiġi nġunt rappreżentant tal-Pulizija ta' Malta sabiex jixhed dwar u jippreżenta kopja tal-estrazzjoni tal-mobile phones ta' Keith Schembri. L-imsemmija estrazzjoni bħala parti mill-atti ta' din il-*

*kawża għandha tinżamm fis-sigrieta ta' din il-Qorti u tkun aċċessibbli biss għall-partijiet f'din il-kawża u għall-avukati difensuri tagħhom. Fi kwalunkwe każ il-Qorti qiegħda tordna divjet fuq il-pubblikazzjoni tal-imsemmija estrazzjoni sabiex ma jiġux preġudikati investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet li għadhom pendenti."*

27. Sussegwentement kemm il-Kummissarju tal-Pulizija u kif ukoll l-Avukat tal-Istat appellaw minn dan id-digriet.

28. Permezz ta' sentenza datata 18 ta' Lulju 2022, il-Qorti Kostituzzjonali kienet iddeċidiet illi:

> *"Il-Qorti tibda billi tirrileva li taqbel ma' dak li ntqal mill-Ewwel Qorti li fi proċeduri kostituzzjonali l-qrati għandhom iktar flessibilita` f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni ta' regoli proċedurali mill-qrati ordinarji, u dan ikkonsidrat in-natura u l-iskop tal-proċeduri kostituzzjonali. Pero` din il-flessibilita` mhijiex u ma tistax tkun mingħajr limitu għaliex il-partijiet kollha f'kawża u f'kull tip ta' proċeduri ġudizzjarji, inkluż dawk kostituzzjonali, għandhom dritt għaċ-ċertezza legali u l-ugwaljanza tal-armi, li jifformaw parti ntrinsika mid-dritt għal smigħ xieraq. Għalhekk ilpartijiet f'kawża ma jistgħux jiġu sorpriżi b'interpretazzjoni u applikazzjoni ta' liġi magħmula f'digriet interlokutorju li tkun manifestament mhux kompatibbli ma' dak provdut fil-liġi stess.*
>
> *L-ordnijiet, atti u provvedimenti li l-qrati għandhom is-setgħa li jagħmlu ai termini tal-Artikolu 46(2) u 4(2) jistgħu jingħataw fil-kuntest ta' talba magħmula skont l-ewwel sub-inċiż taż-żewġ artikoli. Dan is-subinċiż ma jagħmilx referenza għal talbiet interlokutorji iżda għal talbiet li jirrigwardaw ksur ta' xi dritt fondamentali protett mill-Kostituzzjoni jew Konvenzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti għalhekk, interpretazzjoni raġonevoli u prevedibbli tas-setgħa mogħtija lil Qorti biex tagħmel dawk l-ordnijiet, atti jew provvedimenti li tqis li huma xierqa hija fis-sens li din id-diskrezzjoni wiesgħa tista' tiġi eżerċitata fil-kuntest tat-talba oriġinali tal-attur, u ċioe` meta l-Qorti tiddetermina li l-attur ikun sofra jew x'aktarx ser isofri il-leżjoni allegata minnu, jew fejn dawn l-ordnijiet huma neċessarji sabiex tiġi preservata pendente lite l-pożizzjoni tal-attur li inkella jkun ser iġarrab preġudizzju rrimedjabbli. Il-Qorti tqis li d-*

*diskrezzjoni wiesgħa mogħtija minn dawn l-artikoli għalhekk mhijiex applikabbli fil-kuntest ta' digriet interlokutorju.*

*Minn dan isegwi li, għalkemm fl-għoti ta' digriet interlokutorju huwa permess għall-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali li jagħtu interpretazzjoni wiesgħa tal-artikolu relevanti tal-liġi u jwarrbu kemm jista' jkun il-formaliżmu esaġerat, ma jistgħux iwarrbu għal kollox dak li tipprovdi l-liġi u jagħżlu li ma japplikawx il-liġi ordinarja. F'dan il-każ l-Artikolu 637 (5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprojbixxi b'mod assolut il-produzzjoni fl-atti ta' procés-verbal li jkun għadu ma ġiex depożitat fir-Reġistru, u għalhekk m'hemm l-ebda kwistjoni ta' intepretazzjoni wiesgħa. Għaldaqstant sakemm ma tkunx ġiet dikjarata l-invalidita` kostituzzjonali jew konvenzjonali tiegħu, jew sakemm ma jkunx jirriżulta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ l-attur huwa intitolat għal miżura interim, ma kienx legalment possibbli għall-Ewwel Qorti li tiskarta l-istess artikoli bis-saħħa tal-poteri mogħtija lilha mill-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-fatt li l-ordni in kwistjoni ngħatat fi proċeduri kostituzzjonali ma jfissirx li l-Ewwel Qorti kellha l-poter li ma tosservax, u addirittura, tmur kontra l-liġi ordinarja fl-għoti tad-digriet interlokutorju mertu ta' dan l-appell.*

*Huwa inkontestabbli li f'dan il-każ l-ordni appellata ma ngħatatx mill-Ewwel Qorti bħala rimedji għal-leżjoni allegata minnu fir-rikors promotur tiegħu, u dan billi s-sentenza fil-mertu għadha ma ngħatatx.*

*Lanqas ma jirriżulta li din l-ordni ngħatat bħala rimedju interim, għaliex ma jidhirx li ġie allegat, u wisq anqas pruvat, li l-attur ser isofri preġudizzju rrimedjabbli u li l-ordni saret f'dan il-kuntest. Id-digriet appellat ingħata bħala digriet interlokutorju normali ntiż sabiex jirregola l-proċedura ta' quddiem l-Ewwel Qorti. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li din l-ordni ma ngħatatx entro l-qafas legali u proċedurali maħsub fl-artikoli 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti tkompli billi tosserva li l-attur fl-ebda ħin ma spjega x'hemm f'dawn l-estrazzjonijiet li huwa jqis li huma relevanti għall-proċeduri intavolati minnu ħlief għal dikjarazzjoni ġenerika. Huwa minnu li l-attur ma jistax jiġi pretiż li jkun jaf b'ċertezza x'hemm f'dawn l-estrazzjonijiet ġaladarba huma estrazzjonijiet ta' data ta' mobile phones li mhumiex tiegħu u li ma jirriżultax li qatt kienu f'idejh. Pero`, ġaladarba l-attur ikkonferma bil-ġurament tiegħu li dawn l-estrazzjonijiet fihom informazzjoni relevanti għal din il-kawża, il-Qorti tqis li l-attur kien mistenni li almenu jindika x'inhi din l-informazzjoni li skont hu hija relevanti u mhux jitlob il-produzzjoni tal-estrazzjoni kollha għaliex tista' tkun fiha informazzjoni relevanti.*

*Għalkemm kif ingħad huwa minnu li fi proċeduri kostituzzjonali hemm ammont ta' flessibilita` f'dak li jirrigwarda t-tmexxija tal-proċedura mill-Qorti, dan ma jfissirx li xi parti tista' tuża dawn il-proċeduri biex tagħmel fishing expedition u totjeni l-produzzjoni ta' provi li mhumiex*

*neċessarjament relevanti għall-proċeduri istitwiti minnha. Ikkonsidrat għalhekk li l-attur lanqas imqar indika x'hemm f'dawn l-estrazzjonijiet li huma tant relevanti u vitali għal dawn il-proċeduri, u dan minkejja li jidher li għandu ħjiel dwar x'inhu l-materjal allegatament relevanti kkonsidrat il-ġurament li ħa, il-Qorti tqis li lanqas jista' jingħad li l-attur ser ibati preġudizzju rrimedjabbli jekk l-estrazzjonijiet tad-data tal-mobile phones ta' Keith Schembri ma jiġux preżentati f'dawn il-proċeduri. Inoltre, l-fatt li l-attur naqas milli jispjega x'inhi din l-informazzjoni li huwa jgħid li hija relevanti, il-Qorti tinsab fl-impossibilita` li tiżen l-interess tal-appellant kontra l-interess pubbliku biex tiddetermina jekk dan huwiex każ fejn hija meħtieġa d-disclosure tad-dokumenti rikjesti minnu minkejja dak provdut mil-liġi. Għalhekk din il-Qorti terġa' ttenni li l-ordni magħmula mill-Ewwel Qorti ma setatx validament issir fil-kuntest tat-talba magħmula mill-attur, u minn dawn isegwi li l-appell tal-Avukat tal-Istat huwa fondat u jimmerita li jiġi milqugħ.*

*Decide*

*Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:*
*i. tiddikjara l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija rritu u null u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu;*
*ii. tiċħad l-eċċezzjoni ta' nullita` fir-rigward tal-appell tal-Avukat tal-Istat*
*iii. tilqa' l-appell tal-Avukat tal-Istat u tirrevoka d-digriet tal-Ewwel Qorti tad-19 ta' Novembru, 2021, u tiċħad it-talba magħmula mill-attur fir-rikors tiegħu tat-3 ta' Awwissu, 2021.*

*L-ispejjeż tal-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija għandhom jitħallsu minnu, filwaqt li l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-attur."*

29. Sussegwentement u permezz ta' rikors intavolat nhar it-12 ta' Settembru 2022 (ara fol 1263 *et seq*) l-appellant talab illi jiġi eżebit il-kontenut tal-estrazzjoni tal-*mobile phone* ta' Keith Schembri.

30. Permezz tad-digriet datat 11 ta' Ottubru 2022 l-Ewwel Qorti tenniet illi:

*"Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrent fit-12 ta' Settembru 2022*

*Rat ir-risposta tal-intimati tat-23 ta' Settembru 2022*

*Rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-18 ta' Lulju 2022 (App.Nru. 233/2019/1)*

*Rat l-artikolu 518 tal-Kap 9 u l-artikolu 637(5) tal-Kap 12*

*Illi r-rikorrent jikkontendi li l-imsemmi pronunzjament tal-Qorti Kostituzzjonali rigward il-projbizzjoni b'mod assolut tal-produzzjoni fl-atti tal-kawza ta process verbali ai termini tal-artikolu 637(5) tal-Kap 12 japplika biss fejn process verbali ikun ghadu ma giex depożitat fir-Registru. Ir-rikorrenti li la darba l-process verbali li jikkostitwixxi l-mobile phone in kwistjoni, illum huwa magħluq kwalsiasi impediment legali ghal produzzjoni ta tali mobile phone jidher li llum huwa sorvolat.*
*...*
*tqis illi in vista tal-imsemmi pronunzjament tal-Qorti Kostituzzjonali, ir-rikorrent ghandu jsegwi rigorożament id-dettami tal-artikolu 637(5) tal-Kap 12 u tal-artikolu 518 tal-Kap 9, diment illi r-ikorrent ma jattakax b'suċċess l-inkompattibilita tal-istess disposiżżjonijiet tal-ligi mal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiettal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali.*

*Ghar-ragunijiet suesposti tiċħad it-talba."*

31. Sussegwentment u permezz ta' rikors ieħor intavolat nhar l-20 ta' Settembru 2022, l-appellant talab lill-Qorti tawtorizzah jippreżenta kopja legali tad-digriet tal-Maġistrat inkwerenti u r-rapport tal-espert relattiv fejn ġie ordnat li jinkisbu l-*call profiles* ta' Keith Schembri għad-*data retention period* kollu.

32. Permezz tad-digriet l-ieħor tal-11 ta' Ottubru 2022 (ara fol 1283) l-Ewwel Qorti għal darb'oħra rrilevat illi:

*"Tqis illi in vista tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-18 ta' Lulju 2022, ir-rikorrent għandu jsegwi rigoriżament id-dettami tal-artikolu 637(5) tal-Kap 12 u tal-artikolu 518 tal-Kap 9 diment illi ir-rikorrent ma jattakkax b'success l-inkompattibilita tal-istess dispożiżjonijiet tal-ligi mal-Kostituzzjoni ta Malta u/jew il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertaijiet fundamentali."*

33. L-appellant jirrileva illi dawn il-provi li l-produzzjoni tagħhom ġiet miċħuda mill-Ewwel Qorti, kellhom ikunu quddiem il-Qorti sabiex tieħu konjizzjoni tagħhom, u dan anke peress illi r-raġuni għal tali ċaħda ma ssib l-ebda sostenn fil-liġi. Jafferma illi dawn il-provi huma ammissibbli, produċibbli u rilevanti. Fir-rikors tat-12 ta' Settembru 2022, l-appellant jirrileva illi *ormai* il-*proces verbal* huwa magħluq, u għalhekk kwalsiasi impediment legali li seta' kien hemm, illum huwa sorvolat. B'referenza għal dak osservat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Lulju 2022, l-appellant saħaq illi hu mhuwiex interessat f'informazzjoni li mhijiex relevanti għal vertenza in deżamina, iżda huwa interessat biss minn dik l-informazzjoni li tista' tikkonferma dak li qiegħed jgħid l-appellant u ċjoè l-imparzjalità *o meno* ta' Keith Arnaud.

34. L-appellati minn naħa l-oħra jsostnu illi ġialadarba din it-talba diġà saret u hemm ġudikat finali fir-rigward in-nuqqas ta' rilevanza tal-produzzjoni ta' tali *data*, it-talba hija proċeduralment improponibbli peress illi hija *res judicata*. Tali ġudikat ma jistax jiġi mittiefes. Isostnu illi l-Qorti m'għandhiex terġa tiftaħ dan l-episodju meta diġà hemm deċiżjoni definittiva dwar dan. Żiedu illi t-talba għall-awtorizzazzjoni tal-provi msemmija mhux biss hija proċeduralment tardiva u inammissibli imma l-prova hija rrelevanti fid-dawl tat-talbiet hekk kif imfissra fir-rikors promotur *stante* illi ma ġie ppruvat bl-ebda mod fil-mori tal-proċeduri odjerni xi ness ta' kawżalità ta' rilevanza bejn il-provi illi inġabru mill-prosekuzzjoni kontra

l-appellant fl-investigazzjoni tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galiza u l-persuna ta' Keith Schembri. Affermaw ukoll illi l-*call profiles per se* tal-*mobile* ta' Schembri ma jistgħux ikunu relevanti għall-finijiet tal-kawża odjerna b'dan illi m'hemm l-ebda ness bejn tali *call profiles* u t-talbiet fir-rikors promotur. Isostnu illi l-appellant qiegħed jittenta jisposta l-parametri tal-proċedura penali.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

35. Il-Qorti taqbel mal-pożizzjoni tal-appellati, in kwantu l-fatt illi din il-Qorti kif preseduta ***diġà*** indirzzat u ppronunzjat ruħha fuq il-materja avvanzata permess tar-rikors datat 12 ta' Settembru 2022 u dak tal-20 ta' Settembru 2022, entrambi intavolati mill-appellant, fis-sentenza tat-18 ta' Lulju 2022, u għalhekk ma tqsix illi għandha tiddilunga inutilment fuq din il-kwistjoni. Il-Qorti tabbraċja pjenament il-konsiderazzjonijiet minnha magħmula hekk kif kontenuti fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-18 ta' Lulju 2022, u tirribadixxi dawk l-istess konsiderazzjonijiet.

36. Għalkemm din il-Qorti tirrikonoxxi illi llum-il ġurnata l-*proces-verbal* jinsab magħluq, xorta waħda tqis illi l-ispjega li ngħatat mill-appellanti anki din id-darba hija waħda ġenerika, u bbażata biss fuq suppożizzjoni tal-istess appellant illi tali data tista' possibbilment tikkonferma t-*timeline* avvanzata minnu fir-rigward il-perjodu li fih Keith Schembri kien meqjus

bħala persuna ta’ interess jew sospetta mill-forzi tal-ordni, u li fl-istess perjodu l-imsemmi Keith Schembri kien qiegħed jingħata informazzjoni fuq bażi regolari minn Keith Arnaud fuq l-andament tal-investigazzjonijiet relativi. Dan fil-fehma ta’ din il-Qorti ma jeskludix li l-appellant għadu qiegħed jipprova juża dawn il-proċeduri bħala *“fishing expedition u totjeni l-produzzjoni ta’ provi li mhumiex neċessarjament* ***relevanti*** *għall-proċeduri istitwiti minnha.”*

37. Il-Qorti wara li reġgħet poġġiet il-fatturi determinati kollha fuq il-miżien, ma tqisx illi s-sottomissjonijiet magħmula mill-appellant huma tali illi jrendu lil din il-Qorti propensa li timmina id-dispożizzjonijiet relattivi tal-liġi nostrana, u l-għanijiet wara tali dispożizzjonijiet, biex tordna d-*disclosure* tal-informazzjoni u/jew dokumenti hekk mitluba mill-appellant.

38. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta fid-direzzjoni minnha mogħtija, u din il-Qorti ssib illi din il-parti ta’ dan l-aggravju huwa infondat.

*Id-Digriet tat- 30 ta’ Jannar 2024*

39. Permezz ta’ rikors intavolat nhar is-26 ta’ Diċembru 2023, l-appellant talab illi (i) jiġi awtorizzat l-isfilz ta’ kull dokument li ġie ppreżentat f’dawn il-proċeduri fir-rigward id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-istess appellant b’rabta mat-talba tiegħu għal Maħfra presidenzjali, u

(ii) li jerġa' jinfetaħ l-istadju tal-provi sabiex jiġi preżentat rapport dwar l-estrazzjoni ta' *data* mill-*mobile phone* ta' Keith Schembri u (iii) sabiex jiġi eżebit ir-rapport tal-espert tal-Europol Marinus Van Der Meij.

*Retroxena:*

40. Mill-atti jirriżulta illi sa mit-2 ta' Ġunju 2021, l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza għad-19 ta' Nobembru 2021, b'dan illi l-partijiet ingħataw il-fakoltà li fil-mori jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet. Ovvjament wieħed jiddeduċi illi f'dak l-istadju il-provi kienu magħluqa.

41. Sussegwentement fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2022, wara li r-rikors tat-12 ta' Settembru 2022, u dak tal-20 ta' Settembru 2022 ġew deċiżi mill-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza tat-18 ta' Lulju 2022, reġa' kien hemm qbil illi l-proċess jitħalla għas-sentenza għall-1 ta' Marzu 2023.

42. Fil-fatt fl-1 ta'Marzu 2023, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-proċeduri billi laqgħet l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati u konsegwentement illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju lill-intimati Avukat tal-Istat, Ministeru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali, u s-Supretendent Keith Arnaud fil-vesti personali tiegħu, u ddeklinat milli teżerċita l-poteri tagħha *ai termini* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*provisio* tal-artikolu

4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* illi r-rikorrenti għandu a dispożizzjoni tiegħu rimedju ordinarju tal-proċedura ta' sfida, *ai termini* tal-artikolu 541 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

43. Fenech appella minn tali sentenza u permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ottubru 2023, il-Qorti Kostituzzjonali laqgħet l-appell tal-attur limitatament u ordnat li l-atti jintbagħtu lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi fuq il-kumplament tal-kwistjonijiet l-oħra fil-kawża. Il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi il-proċedura kontemplata fl-artikolu 541 tal-Kap 9 ma tindirizza il-ksur allegat mill-attur, għaliex dak li l-attur irid jiġi mistħarreġ f'din il-kawża hu allegat nuqqas ta' imparzjalità tas-Supretendent Arnaud fl-investigazzjoni li skond l-attur wassal biex ma jkollux smigħ xieraq.

44. L-appellati jsostnu illi fl-ewwel lok, l-appellant m'għandux jitħalla jagħmel tentattiv ieħor sabiex jerġa jiftaħ l-istadju tal-provi u jkompli jiddelunga l-kawża odjerna. B'referenza għall-ewwel talba hekk kif dedotta fir-rikors tas-26 ta' Diċembru 2023 u ċjoè dik tal-isfilz ta' dokumenti relatati mal'maħfra presidenzjali, jirrilevaw illi l-Proċeduri Kriminali u dawk Kostituzzjonali huma separati u distinti minn xulxin, u dak li l-Qorti Kriminali qieset bħala inammissibbli m'għandux japplika awtomatikament għall-Qorti Kostituzzjonali. Fir-rigward it-tieni talba, relatata mal-preżentata tal-*mobile phone* ta' Keith Schembri, tali talba

diġà ġiet miċħuda bis-sentenza tat-18 ta' Lulju 2022. Dwar it-tielet talba, fejn talab illi jiġi eżebit rapport li għamel l-espert tal-Europol Marinus Van De Meij, l-apellati jisħqu illi dan ir-rapport għadu ma ġiex ippreżentat fil-Proċeduri Kriminali fil-konfornt tar-rikorrenti, b'dan illi ħadd mill-partijiet m'għandu aċċess għal tali rapport.

45. Permezz ta' dan id-digriet tat-30 ta' Jannar 2024 (ara vol 1479), l-Ewwel Qorti sostniet illi:

> *"Illi kwantu għat-talba għall-preżentata tal-estrazzjoni tal-mobile phone ta' Keith Schembri tqis illi din it-talba ġiet miċħuda bid-deċisjoni finali tal-Qorti Kostituzzjonali tat-18 ta' Lulju 2022. Barra minn hekk ir-rikorrent bl-ebda mod ma jispeċifika eżattament kif tista' tkun rilevanti din il-prova għall-kawża tiegħu u mad-daqqa t'għajn jidher li dak li qiegħed jiġi mitlub minnu huwa parti minn fishing expedition.*
>
> *Illi kwantu għar-rapport tal-espert tal-Europol Marinus Van Der Meij, li jirrigwrada analiżi ta' data estratta mill-cloned mobile phone ta' Daphne Caruana Galizia, dan ir-rapport kien ġie ppreżentat fl-atti tal-inkjesta fit-22 ta' Mejju 2018 u ma kienx aċċessibbli għall-partijiet f'din il-kawża. Il-Qorti għalhekk tqis li ma jistax jingħad mir-rikorrent li l-intimat Spettur, illum Supretendent Keith Arnaud, seta' jaġixxi u jinvestiga abbażi tal-imsemmi rapport tal-espert tal-Europol u aktar minn hekk m'għamilx dan abbażi tal-imsemmi rapport tal-espert tal-Europol u aktar minn hekk m'għamilx dan minħabba xi kunflitt ta' interess li allegatament seta' kellu. Għall-istess raġuni, lanqas il-fatt li dan ir-rapport għosfor mill-atti tal-inkjesta ma jistax b'xi mod jiġi attribwit lill-intimat Keith Arnaud.*
>
> *Illi kwantu għat-talba tar-rikorrent sabiex jiġi sfilzat kull dokument u referenza fl-atti odjerni għad-dikjarazzjonijiet rilaxxati mir-rikorrent fil-mori tat-talba tiegħu għall-prerogattiva tal- maħfra, il-fatt li din il-prova ġiet dikjarata inammissibbli fil-proċeduri kriminali u mhijiex ser tinġieb a konjizzjoni tal-ġurija, ma jfissirx li din il-prova li ġiet ikkonfermata bil-ġurament tal-intimat Supretedendent Keith Arnaud kemm quddiem il-Qori tal-Maġistrati (malta) bħala Qorti Istruttorja u anki quddiem din il-Qorti, mhijiex ammissibbli fil-proċeduri odjerni. M'hemm xejn fil-liġi tal-proċedura tagħna li jżomm milli tinġieb tali prova fi proċeduri kostituzzjonali, fejn m'hija se tiġi determinata l-ebda ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tar-rikorrent, imma tista' torbot mal-kwistjoni bejn il-partijiet f'din il-kawża u ċjoe l-allegat nuqqas ta' indipendenza u imparzjalità fl-*

*investigazzjoni kondotta mis-sur Arnaud dwar l-omċidju ta'Daphne Caruana Galizia. Dan apparti l-punt li ġie sollevat mill-intimati fir-risposta tagħhom li fid-digriet tagħha tal-11 ta'Diċembru 2023, ir-rikorrent kellu jagħmel talba permezz ta' rikors fejn jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jerġa' jinfetaħ l-istadju tal-provi limitatatment għall-preżentata ta'provi dokumentarji u mhux biex jintalab l-isfilz ta' provi li diġa ġew ippreżentati.*

*Għar-raġunijiet suesposti, tiċħad it-talba."*

46. Din il-Qorti ma ssibx x'tiċċensura fil-konklużjonijiet raġġunti mill-Ewwel Qorti fid-digriet tagħha tat-30 ta' Jannar 2024, u tikkondividi pjenament l-osservazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fir-rigward tat-tliet talbiet avvanzati mill-appellant permezz tar-rikors tas-26 ta' Diċembru 2023. B'referenza għall-ewwel talba u ċjoè dik fejn l-appellant għat-tielet darba konsekuttiva talab għall-preżentata tal-estrazzjoni tal-*mobile phone* ta' Keith Schembri, il-Qorti tagħmel pjena referenza għall-konsiderazzjonijiet magħmula minnha fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Lulju 2022, u l-konsiderazzjonijiet magħmula *sopra* f'dan ir-rigward ukoll.

47. Għalhekk u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula, din il-Qorti qiegħda tiċħad dan l-aggravju fit-totalità tiegħu.

48. Permezz *tat-tieni aggravju* tiegħu l-appellant jisħaq illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti tiffoka għal kollox fuq l-element soġġettiv tal-imparzjalità, li għalkemm importanti huwa biss nofs it-test tal-imparzjalità. Iżid illi il-kawża tar-rikorrent qatt ma kienet intiża bħala evalwazzjoni tal-imparzjalità soġġettiva. Jirrileva illi għal xi raġuni, l-Ewwel Qorti ssorvolat

għal kollox l-aspett oġġettiv tal-imparzjalità, b'dan illi l-Ewwel Qorti ssorvolat fatti importanti dwar l-elementi ta' imparzjalità oġġettiva fil-persuna tal-investigatur u ffokat fuq ċirkostanzi totalment irrelevanti. Isostni ukoll illi l-Ewwel Qorti bħal donnha qieset il-kawża bħala kompetizzjoni ta' kredibilità bejn ir-rikorrenti u s-sur Arnaud, konklużjonijiet li jistgħu jkunu tassew prematuri u perikolużi. L-appellant jistaqsi jekk l-Ewwel Qorti effettivament fehmitx dak li kien qiegħed jiġi mitlub minnha fil-kawża.

49. L-appellant jikkontendi illi fil-proċeduri odjern messha saret l-istess evalwazzjoni li saret fil-proċeduri bin-numru 95/2017SM fl-ismijiet Avukat Peter Caruana Galizia *et* vs Kummissarju tal-Pulizija *et* deċiża nhar il-5 ta' Ottubru 2018. Jisħaq illi l-Ewwel Qorti żbaljat meta minkejja li hi stess irrikonoxxiet li l-investigazzjoni kellha nuqqasijiet u "defiċenzi istituzzjonali", is-sentenza tagħmel sforz sabiex tiskuża lil Arnaud, meta l-istess nuqqasijiet seħħew taħt it-tmexxija tas-Sur Arnaud.

50. L-appellant ulterjorment jisħaq illi is-sentenza tidentifika diversi kunflitti ta' interess fl-investigazzjoni, iżda teżonera lil Arnaud mill-kunflitti ta' interess kollha. Jinsisti illi il-fatt li Schembri għamel sentejn jikkomunika ma' Arnaud, jikkomprometti l-imparzjalità tal-istess Arnaud. Jirrileva ukoll illi l-Ewwel Qorti ssottovalutat l-irwol ta' Arnaud fic-*chain of command* tal-investigazzjoni, minkejja li Arnaud kien il-persuna li wettaq

l-arresti, mexxa l-interogazzjonijiet, mexxa l-prosekuzzjoni l-Qorti u anke ħa diversi deċiżjonijiet prosekutorjali. Meta l-Ewwel Qorti qalet li c-*chain of command* ma kinitx ċara, qiegħda tinjora l-ovvju.

51. Da parti tagħhom, l-appellati jargumentaw illi din il-kawża hija mibnija fuq insinwazzjonijiet u konġetturi tal-appellant, li l-parteċipazzjoni ta' Arnaud fl-investigazzjoni ma kinitx waħda indipendenti u imparzjali minħabba allegat qrubija/kunflitt ta' interess ma' Keith Schembri, *qua* l-eks *Chief of Staff* tal-eks Prim Ministru Dr Joseph Muscat. Isostnu illi minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta b'mod ċar illi l-Ewwel Qorti eżaminat bir-reqqa l-elementi kollha f'dak li jirrigwarda l-imparzjalità kemm oġġettiva u kif ukoll dik soġġettiva

52. Iżidu illi mill-provi rriżulta illi l-investigazzjoni tmexxiet minn team, team li kien kompost minn diversi komponenti li kienu qiegħdin jassistu lill-Pulizija, fosthom membri mill-Europol, u membri tal-FBI. Fir-rigward il-*briefings* li kienu jsiru Kastilja, il-membri tal-Europol kienu jafu li huma kienu qegħdin jagħtu *updates* lil Prim Ministru. Jisħqu għalhekk illi l-premessa li jitlaq biha l-appellant li Arnaud kien qiegħed imexxi l-investigazzjoni, hija żbaljata, għaliex miegħu kien hemm team ta' investigaturi. Isostnu illi dak allegat mill-appellant, li l-parteċipazzjoni tas-Sur Arnaud fl-investigazzjoni b'xi mod tappnet din l-istess investigazzjoni minħabba sensiela ta' kunflitti ta' interess ma ssibx sostenn fil-provi.

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

53. Dan l-aggravju u d-diversi sfaċċettaturi hemm kontenuti jolqot direttament il-mertu tal-proċeduri odjerni. Il-lanjanza prinċipali tal-appellant hija fis-sens illi l-involviment tas-Sur Keith Arnaud fl-investigazzjoni mertu tal-vertanza odjerna, tilledi dik l-indipendenza u l-imparzjalità li kull investigazzjoni għandha tgawdi, bil-konsegwenza illi minħabba dan il-fatt id-drittijiet fundamentali tal-appellant qiegħdin jiġu ppreġudikati.

54. Il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-atti u ma tqisx illi l-aggravju tal-appellant huwa wieħed fondat għas-segwenti raġunijiet.

55. Permezz ta' dana l-aggravju, l-appellant javvanza is-segwenti argumenti: (i) li messhom ġew applikati l-istess konsiderazzjonijiet meħuda fis-sentenza fl-ismijiet ***Avukat Peter Caruana Galizia et vs Kummissarju tal-Pulizija et*** deċiża nhar il-5 ta' Ottubru 2018, bin-numru 95/2017SM; (ii) li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra l-element oġġettiv tal-imparzjalità; (iii) li l-Ewwel Qorti bħal donnha għamlet kompetizzjoni tal-kredibilità; (iv) in-nuqqasijiet istituzzjonali u nuqqasijiet oħra fl-investigazzjonijiet indikati ukoll mill-Ewwel Qorti; u (v) l-irwol ta' Keith Arnaud. Dawn l-argumenti huma intrinsikament marbuta flimkien u għalhekk il-Qorti ser tkun qiegħda fil-*maggior* parti tindirizzahom flimkien.

56. Fir-rigward l-argumenti avvanzati mill-appellant rigward l-irwol tas-Sur Arnaud fl-investigazzjoni, din il-Qorti eżaminat bir-reqqa il-kontroeżami tal-istess Sur Arnaud, u hija l-fehma tagħha illi minn din it-testimonjanza jirriżulta n-nuqqas tar-relazzjoni bejn Arnaud u Schembri, relazzjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, kienet biss waħda professjonali.

57. Jirriżulta mill-atti illi Arnaud għamel il-konoxxenza ta' Schembri meta l-istess Arnaud kien jakkumpanja lil Valletta għal laqgħat ġewwa Kastilja li oriġinarjament kien jitlob Valletta sabiex jingħataw aġġornament loġistiċi dwar l-investigazzjoni tal-qtil tas-Sinjura Caruana Galizia, peress li kien intalab l-intervent tal-Europol, u l-FBI, fost oħrajn. Għal dawn il-laqgħat Schembri kien ikun preżenti bħala *Chief of Staff* tal-Prim Ministru. Laqgħat simili kienu jsiru ukoll mal-Awtorità u uffiċjali nkarigati mis-Sigurtà tal-Istat, u li għalihom Arnaud ma kienx ikun preżenti, peress li dawn kienu jkunu laqgħat kunfidenzjali għall-aħħar. Sussegwentement u wara li Silvio Valletta warrab mill-inkarigu tiegħu, kien is-Sur Arnaud li kien jieħu ħsieb jikkordina dawn il-laqgħat ma' Keith Schembri *qua Chief of Staff* tal-Prim Ministru.

58. Arnaud ripetutament jisħaq b'mod kategoriku għall-aħħar illi l-informazzjoni li kienet tingħata f'dawn il-laqgħat kienet informazzjoni li kienet tirrigwarda loġistika, kwistjonijiet li possibbilment setgħu jinċidu fuq

ir-relazzjonijiet diplomatiċi tal-pajjiż mal-awtoritajiet esteri li kienu qiegħdin jgħinu fl-investigazzjoni anke peress li fi stadju minnhom kien hemm opinjonijiet diverġenti mit-team investigattiv wara li ma ngħatatx il-proklama lil Vince Muscat, fir-rigward *intelligence* li kienu kisbu minn dan l-eżerċizzju. Arnaud jisħaq: *"Ie le filfatt kif dejjem għidt, il-laqgħat ma kienu jkunu qatt u bl-ebda mod relatati ma' żviluppi fl-investigazzjoni. Din għidtha kemm – il darba." (ara fol 1079).* Arnaud da parti tiegħu jisħaq ukoll illi ma kinitx prerogattiva tiegħu li jiddeċiedi minn kien ikun preżenti għal tali laqgħet f'Kastilja, u jsostni ukoll illi barra dik il-*meeting room*, il-konversazzjonijiet ma' Schembri kienu limitati.

59. Kif forsi diġà aċċennat, din il-Qorti eżaminat bir-reqqa dan l-kontroeżami tas-Sur Arnaud, u l-linja ta' domandi magħmula mid-difensuri tal-appellant. Il-Qorti tosserva illi fil *line of questioning* saret insistenza sostanzjali fuq il-fatt li:

(i) Schembri kien ikun preżenti għal dawn il-laqgħat, minkejja li Arnaud kien a konoxxenza tas-suspetti li l-vittma kellha fuq l-integrità tal-istess Schembri; u

(ii) Li kienet tingħadda informazzjoni dwar l-iżviluppi tal-investigazzjoni fil-presenza tal-istess Schembri minkejja li Arnaud kien a konoxxenza tas-suspetti li l-vittma kellha fuq l-integrità tal-istess Schembri;

60. Arnaud min-naħa l-oħra kategorikament jinnega li kienet tingħadda informazzjoni fuq is-sustanza tal-investigazzjoni.

61. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din l-insistenza konsiderevoli fuq din il-*line of questioning* fil-kontroeżami ta' Arnaud, jekk xejn jagħti aktar piż lil dak li qal Fenech fit-testimonjanza tiegħu meta fuq suġġeriment li sarlu mill-Avukat difensur tal-intimati, Fenech qal li jista' jkun li Schembri kien ikun jaf b'din l-informazzjoni waqt *briefings* li kienu jsiru f'Kastilja, b'dan illi l-Avukati difensuri tal-appellant, ippruvaw joħorġu mingħand Arnaud li f'dawn il-*meetings* l-uffiċjali investigattivi kienu jgħaddu informazzjoni sensittiva dwar l-andament tal-investigazzjoni. Iżda jekk dak allegat minn Fenech għandu mis-sewwa; li l-allegata ħbiberija bejn Schembri u Arnaud, hija waħda tant intima, din il-Qorti ma tarax għalfejn id-difensuri tal-appellant ittentaw jistabbilixxu b'tant insistenza illi din l-informazzjoni kienet qegħda tingħadda *tramite* "*channels*" uffiċjali, meta tali informazzjoni setgħet faċilment tgħaddi mingħand Arnaud għal għand Schembri "minn taħt."

62. L-awtorità li l-istess Schembri kellu f'Kastillja, hija *ormai* indiskussa u pależi għal kulħadd, kemm bħala l-*braccio destro* tal-Prim Ministru, kemm bħala *Chief of staff* tal-Prim Ministru. L-istess jista' jingħad għas-saħħa tiegħu bħala wieħed minn negozjanti ewlenin fil-pajjiż, u l-bosta kuntatti u konoxxenzi li tali pożizzjoni ġġib magħha. Din il-Qorti ma tqisx

illi Schembri kellu bżonn lis-Sur Arnaud biex jakkwista ċertu informazzjoni, partikularment meta mir-riżultanzi probatorji irriżulta illi kien hemm uffiċjali aktar 'l fuq mis-Sur Arnaud fic-*chain of command* li kienu kompromessi u li kellhom kunflitt ta' interess pależi u li kienu qiegħdin jagħtu għajnuna loġistika fl-investigazzjoni,[2] filwaqt li oħrajn kienu anke fornew informazzjoni lill-istess Fenech direttament fuq il-progress tal-investigazzjoni kif ammess minn Fenech stess. [3]

63. Fil-fatt il-Qorti rat illi mill-provi in atti rriżulta b'mod konkret illi s-Sur Arnaud ma kienx qiegħed jieħu d-deċiżjonijiet waħdu, imma miegħu kien hemm *team* ta' uffiċjali oħra li bħalu u miegħu kienu qegħdin jaħdmu fuq din l-investigazzjoni. Minkejja dan però, il-Qorti tosserva illi ħadd mill-bqija tat-team ma ġie inġunt biex jixhed fil-proċeduri odjerni, u kien biss is-Sur Arnaud li ġie individwaliżżat mill-appellant. Huwa minnu illi s-Sur Arnaud kellu rwol pro-attiv ferm f'din l-investigazzjoni fejn jidħol perkors investigattiv, indizzjati mitkellma, ġbir ta' provi, u anke arresti, però s-Sur Arnaud bħal kull uffiċjal ieħor li f'dak il-perjodu kien fl-istess grad ta' Spettur bħas-Sur Arnaud, kienu jwieġbu lis-Superjuri rispettivi tagħhom u

---

[2] Ara xhieda ta' Lawrence Cutajar.

[3] Ara xhieda ta' Fenech meta jghid li l-eks-Deputat Kummissarju tal-Pulizija Silvio Valletta, ħabib personali tiegħu. Fenech jipprova jiskuża lil Valletta li allegatament kien għaddielu privatament informazzjoni dwar il-progress fl-investigazzjoni tal-Pulizija dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, billi qal li Valletta kien qalilu bħala "… żvog ta' stress … mhux jiġu qisu jwidden biex jgħidli, biex jikxef xi sigriet … kien qiegħed jitkellimha u fhimt li kien hemm progress illi iktar milli mar jgħidlu f'widnejh xi affarijiet". Qal li dak li tkellem Valletta kienet sempliċi konverżazzjoni, qisu b'entużjażmu dwar l-avvanzi fl-investigazzjoni, u mhux biex jiġġakbina jew biex iwassal

ma kellhomx *carte blance* f'din l-investigazzjoni kif bħal donnu jinsinwa l-appellant.

64. Din il-Qorti sejra tgħaddi biex tindirizza s-sentenza: ***Avukat Peter Caruana Galizia et vs Kummissarju tal-Pulizija et*** deċiża nhar il-5 ta' Ottubru 2018, bin-numru 95/2017SM, hekk ċitata mill-appellant u l-argument tal-istess appellant illi l-konklużjonijiet raġġunti f'din is-sentenza messhom applikaw għall-ilment odjern u l-ilment da parti tal-appellant illi l-Ewwel Qorti naqqset milli tieħu konjizzjoni tal-element oġġettiv tal-imparzjalità, li fil-fehma ta' din il-Qorti huma marbuta flimkien.

65. Fl-imsemmija sentenza r-rikorrenti Caruana Galizia kienu sostnew illi l-involviment attiv tal-intimat Deputat Kummissarju Silvio Valletta fl-investigazzjoni tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, kemm bħala ir-raġel ta' Ministru membru tal-Kabinett u li diversi drabi kien fil-mira ta' kitbiet tal-istess ġurnalista, kif ukoll bħala membru tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja [F.I.A.U.], huwa vjolattiv tal-Artikolu 2 u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u talbu l-istess Deputat Kummissarju jiddeżisti milli jkompli b'xi mod jipparteċipa fl-investigazzjonijiet relattivi u li kull att u deċiżjoni ġja' meħuda mill-istess investigazzjonijiet *de quo* jiġu ri-eżaminati mis-sostitut tal-istess. Dan intalab mir-rikorrenti mingħajr ma tefgħu dell ikrah fuq il-kapaċitajiet professjonali tiegħu.

66. L-Ewwel Qorti fil-proċeduri su-ċitati sostniet illi:

*"Illi in vista tas-suespost, din il-qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi partikolari fuq riferit li jinsab fihom id-Deputat Kummissarju intimat, hu naturali li jitqajmu dubji legittimi rigwardanti l-fatt ta' kemm tista' tkun effettiva l-inkjesta li qed tigi kondotta bl-istrutturi fuq indikati – u dan, minghajr ma jintefa l-ebda dawl nefast fuq il-karattru u l-kapacitajiet tal-istess intimat;*

*Illi tenut kont tal-fatt li d-Deputat Kummisarju de quo;*
*Hu persuna politikament espost;*
*Flimkien mal-konsorte tieghu kien suggett ta' diversi kitbiet vitrijolici tal-vittma assassinata; u*
*Membru tal-Bord tal-F.I.A.U. li wkoll kienet suggetta ghall-analizi iffukata daparti tal-vittma assassinata;*

*dawn kollha jimmilitaw favur it-tezi sottomessa mir-rikorrenti li proprju minhabba f'hekk, jistghu facilment jitqajmu dubji serji rigwardanti l-adegwatezza u l-effettivita` tal-investigazzjoni li tista' tofuska b'xi mod il-konkluzjonijiet li tista' tasal ghalihom tali investigazzjoni, molto piu` meta ma jirrizultax li giet skartata t-tezi sottomessa kemm mi-rrikorrenti, (ara foll 25), kemm mill-istess Deputat Kummissarju intimat, (ara foll 67), li l-mohh wara l-assassinju in dizamina jista' jkun naskost anke fis-settur politiku;*

*Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li jirrizulta li hemm ksur tal-artiklu 2 tal-Konvenzjoni u konsegwentement, l-ewwel (1) talba tar-rikorrenti, (ara foll 4), ghandha tigi akkolta…"*

67. Fir-rigward l-allegat vjolazzjoni tal-artiklu 6 l-Ewwel Qorti fil-proċeduri su-ċitati sostniet illi:

*"Illi fid-dawl tal-konkluzjonijiet rigwardanti il-komposizzjoni tal-korp investigattiv fuq delineat liema komposizzjoni, ghar-ragunijiet hemm deklinati mhix qed tigi meqjusa bhala wahda effettiva, minnha innifisha ccahhad lir-rikorrenti mid-dritt taghhom ghal access ghall-qorti kif sancit bi kjarezza mill-artiklu 6 tal-Konvenzjoni hawn in dizamina, u dan, stante li tali investigazzjoni facilment tista' ma twassalx ghall-individwazzjoni tal-mandanti li skatenaw lill-esekuturi tal-assassinju in dizamina, bil-konsegwenza li r-rikorrenti jitpoggew fl-impossibilita` fattwali li ma jkunux jistghu jipprocedu civilment kontra kull min hu involut – kemm bhala esekutur u bhala mandant;*

*Illi ghandu jkun pacifiku li kwalunkwe eventwali kawza civili li jista' jigi pprospettata ser necessarjament tiddependi mill-investigazzjonijiet*

*prezentement pendenti, u ghalhekk, il-limpidezza fl-operat tal-istess hi kundizzjoni sine qua non ghall-ahjar risoluzzjoni tal-mertu in dizamina;*

*Illi in vista tal-premess din il-qorti hi wkoll sodisfatta li jirrizulta li hemm ksur tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni u konsegwentement, anke t-tieni (2) talba tar-rikorrenti, (ara foll 4), ghandha tigi akkolta…"*

68. L-intimati appellaw minn din is-sentenza, u l-Qorti tal-Appell osservat illi:

*"Rigward din il-parti tal-investigazzjoni li ghadha pendenti, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti u mar-rikorrenti li, ir-rwol tad-Deputat Kummissarju bhala membru fl-F.I.A.U li qed jigi allegat li naqset li tibda tinvestiga rapport li wasal ghandha u li fih allegatament jissemmew nies f'karigi gholija fil-gvern, inkluz dik ministerjali rigwardanti allegat hasil ta' flus, maghdud mal-fatt li l-mara tal-istess Deputat Kummissarju ghandha kariga ministerjali u allura jista' jghati l-kaz li l-investigazzjoni tehtieg li testendi ghal uhud minn dawn il-persuni, dawn l-allegazzjonijiet jimminaw serjament l-element tal-imparzjalita` oggettiva da parti tal istess Deputat Kummissarju minhabba konflitt ta' interess bejnu u bejn ir-rwol tieghu bhala l-persuna lil qed imexxi b'mod attiv linvestigazzjonijiet tal-pulizija fir-rigward.*

*Fid-dawl tal-premess din il-Qorti tosserva li bil-prezenza tad-Deputat Kummissarju fl-investigazzjoni sabiex jigi identifikat il-mandant jew mandanti tal-assassinju, il-fatturi fuq indikati jistghu ragjonevolment f'mohh ic-cittadin jaghtu lok ghal dubju serju dwar jekk l-investigazzjoni saritx b'mod imparzjali u b'mod shih. Din il-konsiderazzjoni tassumi aktar qawwa jekk l-investigazzjoni fir-rigward ikollha ezitu negattiv fis-sens li l-mandant jibqa' ma jigix identifikat. Dan igib mieghu konsegwenzi u kritika negattivi, kemm fir-rigward tal-eredi tal-vittma li jhossuhom li gew traduti mill-istituzzjonijiet kompetenti tal-pajjiz, kemm fir-rigward tar-reputazzjoni ta' pajjizna tenut kont tal-fatt notorju li f'dan il-kaz il-qtil ta' gurnalista jqajjem furur negattiv fil-pajjizi tal-Unjon Ewropea, fil-konfront ta' Malta, kemm fir-rigward tac-cittadin ordinarju li ezitu negattivi jista' jiggenera fih element ta' rabbja u ta' sfiducja flistituzzjonijiet, kif ukoll fl-istess Deputat Kummissarju u martu li tenut kont li l-investigazzjoni kellha ezistu negattiv, jibqghu jigorru maghhom f'ghajnejn ic-cittadini d-dubju li l-investigazzjoni ma saritx bil-ghaqal u b'mod imparzjali, integru u shih, u dan minkejja li in effetti l-investigazzjoni tkun saret b'dak il-mod.*

*Ghaldaqstant dan l-aggravu huwa fondat limitatament u qed jintlaqa' f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ordnat li jergghu jigu ezaminati l-atti u d-decizjonijiet mehuda mis-sostitut tad-Deputat Kummissarju, filwaqt li qed jigi michud ghall-kumplament fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi jigifieri ghal dik il-parti tal-investigazzjoni li ghandha pendenti*

*u li ghandha l-ghan li tidentifika l-mandat jew mandanti tar-reat kommess.*

*…*
*Din il-Qorti tosserva li, galadarba l-obbligazzjoni procedurali rikjesta mill-Artikolu 2 mhux necessarjament twassal sabiex jigu identifikati l-mandanti u ghalhekk jista' jkun li dawn qatt ma jigu identifikati, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jistax jigi legalment invokat f'dan l-istadju. Ma jistax wiehed jargumenta li qed jigi lez id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq minhabba li l-Istat qed icahhdu mill-identita` tal-mandanti tal-qtil meta l-obbligu tal-Istat ikun gie sodisfatt b'investigazzjoni konkreta shiha u metikolu, izda xorta wahda ma tkunx waslet ghall-indentifikazzjoni tal-mandanti. Kif osservat il-Qorti Ewropea fil-kaz Mazepa, "The domestic authorities' scrutiny in the case concerning a contract killing must aim to go beyond identification of a hitman and it is incumbent on the court to satisfy itself that the investigation ..has addressed this important point." Izda l-fatt li ma jigix jew ma jkunx ghadu gie identifikat il-mandant tar-reat u li dan il-fatt ma jkunx rizultat ta' "absence of genuine and serious investigative measures taken with a view to identifying the intellectual author of the crime" ma jwassalx necessarjament ghall-vjolazzjoni tal-obbligu tal Istat stipulat fl-Artikolu 2."*

69. Huwa evidenti anke minn qari superfiċjali tar-rikors promotur odjern, illi l-premessa tat-talbiet odjerni, il-pedamenti li fuqhom l-appellant bena l-azzjoni odjerna essenzjalment huma identiċi għall-premessi li fuqhom ir-rikorrenti Caruana Galizia fil-proċeduri su-ċitati avvanzaw dik l-istess kawża. Huwa minnu li sa ċertu punt, kemm il-kawża odjerna u anke dik su-ċitata jindirizzaw l-istess reat, l-istess sett ta' investigazzjonijiet, u ukoll l-istess awtoritajiet. Somiljanza oħra li hija evidenti fiż-żewġ proċeduri huwa l-fatt li entrambi rikorrenti jattakkaw uffiċjal partikolari u mhux il-korp tal-pulizija fl-interità tiegħu, b'dan illi huwa uffiċjal investigattiv partikolari li effettivament qiegħed jiġi individwat mir-rikorrenti bħala l-persuna li bl-involviment tagħha fl-investigazzjonijiet, qiegħed ixejjen id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif protetti bl-Artikolu 2 u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

70. Magħdud dan, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi s-somiljanzi bejn iż-żewġ proċeduri jiefqu hawn. Il-kunflitt ta' interess attribwit lis-Sur Valletta kemm mill-Ewwel Qorti u kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali warajha fil-proċeduri su-ċitati oġġettivament mhuwiex dak li qiegħed jiġi allegatament attribwit lill-appellat Keith Arnaud fil-proċeduri odjerni. Is-Sur Valletta, kuntrarjament għas-Sur Arnaud, kien ir-raġel ta' politiku membru tal-kabinett, u kif ukoll Membru tal-Bord tal-F.I.A.U. Apparti minnhekk kemm is-Sur Valletta kif ukoll martu *qua* politiku membru tal-kabinett, kienu entrambi fil-mirja tal-kitbiet tas-Sinjura Caruana Galizia ripetutament, bħal ma kienet ukoll l-FIAU.

71. Dak li qiegħed jattribwixxi l-appellant lis-Sur Arnaud fil-proċeduri odjerni hija ħbiberija u kunfidenzjalità ma' Keith Schembri, ħbiberija u kunfidenzjalità li qiegħed jallega biss l-appellant.

72. Mix-xhieda in atti tal-familjari tal-vittma, jidher illi kuntrarjament għal dak minnhom allegat fil-proċeduri su-ċitati, bil-ġurament tagħhom quddiem l-Ewwel Qorti xehdu illi matul is-snin, bħala familja kellhom diversi laqgħat kemm mal-Ispettur Arnaud, kif ukoll mal-Ispettur Kurt Zahra. Filfatt Dr Peter Caruana Galizia qal li dejjem kellhom relazzjonijiet tajba ħafna ma' Keith Arnaud, u li hu u t-tfal għandhom fiduċja sħiħa fl-

Ispettur Keith Arnaud u anke fl-Ispettur Kurt Zahra. Żied illi m'għandu xejn xi jgħid kontra Keith Arnaud jew Kurt Zahra.[4]

73. Rat ukoll illi l-appellant sabiex jissostanzja dak minnu allegat fir-rigward l-allegata ħbiberja bejn Schembri u Arnaud, allega illi mart is-Sur Arnaud ingħata xogħol bl-interċessjoni ta' Keith Schembri u li dan il-fatt kien fatt kontributorju għaliex Arnaud beda jgħaddi informazzjoni dwar il-progress tal-investigazzjoni lil Schembri. Dan il-fatt ma jirriżultax mir-riżultanzi probatorji. Filfatt mill-atti u skond it-testimonjanza[5] ta' Dr Rachel Powell irriżulta illi:

> *"l-proċess ta' Jobsplus jipprovdi li l-ewwel toħroġ sejħa taħt il-Part I, jiġifieri għal persuni li huma bla impjieg, fejn kienu eliġibbli li japplikaw sebgħa persuni, iżda ħadd minnhom ma tefa' applikazzjoni, u s-sejħa għalqet fl-10 ta' Diċembru, 2018. Qalet li l-proċedura normali titlob li wara li ma jkun hemm l-ebda persuna li applikat taħt Part I, issejħa tkompli taħt Part III, jiġifieri għal persuni li digà qegħdin fl-impjieg, iżda qed ifittxu impjieg alternattiv. Is-sejħa fetħet fl-10 ta' Diċembru, 2018 u għalqet fl-20 ta' Diċembru, 2018. Taħt Part III tas-sezzjoni tal-Jobsplus kienu eleġibbli li japplikaw tlieta u ħamsin persuna, li minnhom applikaw biss tnejn, is-Sinjura Arnaud waħda minnhom. L-interview quddiem bord ta' għażla kien sar xi tliet ijiem wara li għalqet is-sejħa. F'dan il-każ iż-żewġ kandidati eliġibbli għaddew it-tnejn li huma mill-interview. Is-sinjura Arnaud ġiet ingaġġata u kellha perijodu ta' prova ta' sitt xhur, li għalaq fit-13 ta' Lulju, 2019, u l-ingaġġ ġie kkonfermat b'mod permanenti fl-14 ta' Lulju, 2019."*

74. Il-Qorti rat ukoll b'attenzjoni partikolari l-kontroeżami tas-Sur Arnaud u l-linja difensjonali hemmhekk adottata mid-difensuri tal-appellant. Il-Qorti rat illi l-appellant biex jisostanzja l-allegata ħbiberija

---

[4] Ara xhieda tal-11 ta' Frar, 2020 tal-Avukat Peter Caruana Galizia a fol. 412 et seq.
[5] Ara fol 369 et seq tal-atti.

bejn Arnaud u Schembri jipprova juri illi l-istrateġija investigattiva adoperata mit-*team* investigattiv u b'mod partikolari mis-Sur Arnaud kienet tali illi minkejja ċertu provi li kienu a konjizzjoni ta' Arnaud, huwa naqas milli jieħu passi mmedjati kontra l-istess Schembri. Dan huwa marbut mal-argument avvanzat mill-appellant permezz ta' dan l-aggravju u ċjoè in-nuqqasijiet investigattivi.

75. Minn eżami tal-imsemmija xiehda din il-Qorti rriżultalha illi huwa minnu li l-familjari tal-vittma għaddew lill-pulizija dokumentazzjoni li fiha kien hemm indikati numru ta' stejjer u persuni li fuqhom kienet qegħda tindaga is-Sinjura Galizia, u li fost dawn il-persuni kien hemm indikat Keith Schembri. Filfatt din l-informazzjoni kienet tikkonsisti f'ittra mibgħuta mill-Avukat Peter Caruana Galizia (ara fol 1138) lil Arnaud, fejn l-istess Dr Caruana Galizia jiddikjara illi dawn in-notamenti mhumiex neċessarjament "*comprehensive*". Dan id-dokument essenzjalment jinkludi il-maġġoranza tal-istejjer jew sitwazzjonijiet li s-sinjura Galizia kienet qegħda taħdem fuqhom fiż-żmien qabel il-mewt tagħha u "*leads*" li s-sinjura Galizia kienet qegħda isegwi.

76. L-appellant jixħet dubju fuq kif l-uffiċjali investigattivi, b'mod partikolari Arnaud, iddeċidew illi jieħdu perkors investigattiv li ma kienx jaqbel ma' dak li kien hemm indikat fin-notamenti tal-ħidma ġurnalistika tal-vittma. F'dan ir-rigward il-Qorti rat illi Arnaud xehed ripetutament, u

anke kkonferma in kontroeżami illi fid-dawl tal-provi li f'dak il-perjodu kellhom l-uffiċjali investigattivi f'idejhom, huma għażlu li jiffukaw l-enerġiji prinċipali tagħhom fuq perkors partikolari, anke għaliex kien hemm diversi investigazzjonijiet għaddejjin b'mod parallel. Il-perkors magħżul, kif korrettament osservat anke mill-Ewwel Qorti, kien però il-perkors li effettivament wassal għall-arrest ta' Melvin Theuma, il-*middleman* bejn l-eżekutturi tar-reat u l-mandant jew mandanti tal-istess reat. Dan wassal ukoll sabiex Melvin Theuma minħabba l-informazzjoni li huwa effettivament għadda lill-awtoritajiet ingħata l-proklama. Minn hemm, l-awtoritajiet wasslu għall-indizjati oħra, inkluż l-appellant.

77. Hu ċar illi l-informazzjoni, u l-provi bdew jaslu għand l-awtoritajiet b'mod *piecemeal* u spezzettat. Dan għalhekk kien jirrikjedi *ground work* konsiderevoli mill-awtoritajiet sabiex iqabblu u jixtarru kull informazzjoni ġdida ma' provi li kienu a dispożizzjoni tagħhom, speċjalment jekk riedu li jiġi assigurat l-arrest ta' ċertu individwi, arrest li wara kollox ikun wieħed konformi mal-liġi, u korroborat minn provi suffiċjenti u konkreti. Ġie ampjament ippruvat illi provi konkreti fuq l-involviment ta' Schembri fir-reat ma wasslux immedjatament għand Arnaud u l-bqija tat-*team*.

78. Għalkemm din il-Qorti tirrikonoxxi illi effettivament isem Schembri kien issemma minn Theuma, Theuma kien għamel dan b'mod superfiċjali u laxk. Kien biss meta biddel il-verżjoni tiegħu l-appellant Fenech illi l-

uffiċjali investigattivi kellhom imbagħad f'idejhom informazzjoni konkreta fuq l-allegat involviment ta' Schembri. Filwaqt illi huwa minnu wkoll li isem Schembri kien wieħed mill-aktar ismijiet prominenti fl-istejjer tal-vittma, ma' isem Schembri kien hemm ukoll numru konsiderevoli ta' ismijiet oħra.

79. Arnaud sostna ukoll illi fid-dawl ta' din l-informazzjoni ġdida li kienet għal kollox differenti mill-verżjoni oriġinarjament mogħtija minn Fenech, kienet informazzjoni li xorta waħda kellha tiġi kkonfermata u mqabbla ma' provi oħra a dispożizzjoni tagħhom qabel setgħu jgħaddu għall-arrest ta' Schembri. Filfatt Arnaud xehed illi wara li Fenech biddel il-verżjoni oriġinarjament mogħtija minnu hekk kif kien infurmat li kien Theuma li ingħata l-proklama, Arnaud u l-bqija tat-team anke arrestaw u kellmu lit-Tabib Adrian Vella. Minn hemm, l-uffiċjali investigattivi kellhom konferma ulterjuri li kkorroborat il-verżjoni l-ġdida mogħtija mill-appellant.

80. L-appellant jillmenta ukoll mill-fatt li l-Ewwel Qorti bħal donnha attribwiet iktar kredbilità lix-xhieda tas-Sur Arnaud milli tiegħu, u saħaq illi dawn il-proċeduri mhumiex kompetizzjoni ta' kredibiltà. Il-Qorti tqis dan l-argument mhux siewi. Il-Qorti rat illi fir-rigward ta' dan, u partikolarment b'referenza għad-deċiżjonijiet meħuda mit-*team* investigattiv fir-rigward l-arresti u l-perkors investigattiv minnhom magħżul, is-Sur Arnaud tul it-testimonjanza tiegħu kienet u baqgħet waħda konsistenti, kredibbli u r-raġunijiet minnu mogħtija għal fejn ittieħdu ċertu deċiżjonijiet u mhux

oħrajn kienu raġunijiet plawsibbli. Huwa faċli illi wieħed issa jikkritika d-deċiżjonijiet meħuda *in hindsight,* però fl-aħħar mill-aħħar, tali deċiżjonijiet huma prerogattiva tal-uffiċjali investigattivi u ttieħdu *a tempo vergine* abbażi ta' dak li l-istess uffiċjali kellhom f'idejhom, u dak li kienu a konoxxenza tiegħu.

81. Din il-Qorti tirrikonoxxi illi kien hemm ċertu nuqqasijiet da parti tal-awtoritajiet, u dan ser jiġu indirizzati iktar 'l quddiem, però ma tqisx illi l-kawtela eżerċitata minn Arnaud fir-rigward l-investigazzjoni u l-eventwali arrest ta' Schembri għandha tkun interpretata bħala xi indikazzjoni ta' nuqqas ta' oġġettività, jew xi tip ta' favoritiżmu versu Keith Schembri. Tosserva ukoll illi kif rilevat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, Fenech ma bediex jilmenta mill-ewwel dwar l-involviment tal-Ispettur Arnaud fl-investigazzjoni, hekk kif huwa ġie arrestat, allavolja r-raġunijiet għalfejn eventwalment talab it-tneħħija ta' Keith Arnaud mill-investigazzjoni, kienu diġà a konoxxenza tiegħu, skond dak li xehed hu. Filfatt din il-Qorti tosserva illi tali ilmenti ġew avvanzati minn Fenech wara li t-tieni talba tiegħu għall-maħfra ġie rifjutata, tant illi kien anke intavola mandat ta' inibizzjoni kontra l-istess Arnaud, liema mandat ma kienx ġie milqugħ.

82. Fir-rigward in-nuqqasijiet riskontrati fl-investigazzjoni, kemm dawk istituzzjonali u kif ukoll ta' natura aktar "loġistika" din il-Qorti tikkondividi dak rilevat mill-Ewwel Qorti. Però tosserva illi permezz ta' din l-azzjoni dak li qiegħed jattakka l-appellant huma individwu, uffiċjal wieħed u mhux il-korp tal-Pulizija fit-totalità tiegħu. Għalhekk dak li ssindikat din il-Qorti u anke l-Ewwel Qorti qabilha kien l-aġir u l-azzjonijiet tas-Sur Arnaud.

83. Il-Qorti ħadet konjizzjoni sħiħa tal-ġurisprudenza relattiva, u sabiex tevita dilungar inutili tagħmel referenza għall-każistika ċitata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata in materja. Hija l-fehma tagħha illi wara eżami b'reqqa tal-atti tal-proċeduri ma tqisx illi l-ilment tal-appellant hekk kif dirett lejn is-Sur Arnaud huwa fondat u sostanzjat. Din il-Qorti ma riskontrat l-ebda prova li turi nuqqas ta' imparzjalità, jew oġġettiva fl-għemil tas-Sur Arnaud. Din il-Qorti mhix sejra tidħol fil-mertu ta' x'suppost kellu jaħseb is-Sur Arnaud fil-qadi ta' dmirijietu, anke għaliex is-suppożiżjonijiet f'kuntest bħal dan ftit li xejn jingħataw piż.

84. Għalhekk u fid-dawl ta' dan kollu tqis illi dan l-aggravju huwa fl-interità tiegħu infondat.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell fl-intier tiegħu u tordna illi l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb